MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 10/2012

**Olaf Woods**

**vs**

**Vivaldi Hotels Operations Limited**

Il-Qorti

Dan hu appell minn decizzjoni tal-Bord Industrijali tal-14 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet premessi, f'kwistjoni tax-xogħol dwar tkeċċija mill-impieg allegatament inġusta. L-appellant hi s-socjeta' Vivaldi Hotels Operations Limited menti l-appellat hu Olaf Woods (impjegat). L-appellat kien impjegat fuq bazi "indefinite part-time" mas-socjeta' apellanti bhala "night auditor" sa mis-sena 2008. Huwa kien "night auditor" pero' kien jahdem ukoll bi nhar. Fil-bidu tas-sena 2011 l-appellat gie infurmat li kellu jahdem biss bil-lejl u mhux akar matul il-gurnata. Jidher li l-

appellat irrifjuta u ghalhekk gie mitlub jirrizenja. L-appellat kompla jirrifjuta u eventwalment l-impjieg tieghu gie terminat. Dwar dawn il-fatti l-appellanti jsostnu li l-appellat kien avza li ma setax jaqdi aktar domirijietu bil-lejl u kien ghalhekk li s-socjeta appellanti ddeciedit li taghti lill-appellat ftit sighat ta' xoghol matul il-gurnata u dana, dejjem skond l-appellanti, bil-bona volonta' taghha. Fi Frar 2011 is-socjeta appellanti hasset il-htiega li l-appellat jerga' jaqdi dmirijietu bil-lejl bhala night auditor f'liema kwalita kien gie impjegat.

It-Tribunal Industrijali fl-imsemmija decizjoni fl-ewwel lok elenka l-fatti tal-kaz. Il-Qorti taqbel mal fatti kif hekk elenkati u ghalhekk, a skans ta ripetizzjoni inutili, qed taddotta l-fatti kif hekk elenkati.

Il-Bord ikkonsidra li l-appellanti, propju fl-ahhar seduta mizmuma minnu, ssottomettew li skond l-Avviż Legali numru 427 tal-2002, l-appellat bħala "part timer" ma kienx "jissodisfa l-kundizzjonijiet hemm imniżżla biex jiġi quddiem it-Tribunal Industrijali." It-Tribunal irrileva li tali kwestjoni hi wahda procedurali u ghalhekk l-istess kellha tiġi sollevata fil-bidu tas-smiegħ, cioe' "in limine litis", u mhux propju fl-ahhar seduta. Għal din ir-raguni t-Tribunal ikkonkluda li ma kienx ser jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija sottomissjoni.

Inoltre t-Tribunal ikkonsidra li kien hemm "żewġ allegazzjonijiet" li kienu qed jissostanzjaw il-liċenzjament tal-appellat u cioe' l-ewwel ir-rifjut tiegħu li jaħdem fis-siegħat ta' bil-lejl kif kien kontrattwalment obbligat li jaħdem, u tnejn in-nuqqas, dejjem da parti tal-appellat li joqod ghall-istruzzjonijiet mogħtija lilu. Skond it-Tribunal l-oneru tal-prova, hawnhekk, kien a kariku tal-appellanti. Il-Bord kompla jikkonsidra li ghar-rigward tal-ewwel allegazzjoni li kien irriżulta bl-iktar mod ċar illi l-appellat kien gie mitlub biex jaħdem għal certu tul ta' żmien bin-nhar skond l-eżiġenzi tal-lukanda. L-appellat ġieli talab li jaħdem matul il-gurnata pero' fil-maġġoranza tal-każi kien

l-appellat kien li kien gie mitlub biex jahdem matul il-gurnata. Dak li sostniet is-socjeta' appellanti cioe' li fi Frar 2011 offriet lll-appellat li jerġa jaħdem bil-lejl kif kien dovut skond il-kuntratt tax-xogħol tiegħu jikkuntrasta ma' dak li xehed l-appellat u cioe' li f'dik il-laqgħa kien gie mitlub jiffirma ittra ta'riżenja u mhux li jerġa jibda jaħdem bil-lejl.

Skond it-Tribunal dak li sostna l-appellat kien sostanzjat mill-fatt li l-ittra tal-ETC tad-29 ta' Jannar 2011 turi li f'dik il-ġurnata, jekk mhux qabel, is-soċjetà appellanti kienet ġa ddeċidiet il-liċenzjament tal-appellat u nfurmat lill-ETC li l-appellat kien irriżenja. Kwindi, kompla jikonsidra t-Tribunal, kif setgha jkun li fil-bidu tax-xahar ta' wara l-appellanti kienet qed tgħid lill-appellat biex jkompli jidħol jaħdem.

Dwar it-tieni alleggazzjoni cioe' dwar in-nuqqas ta' ubbidjenza ta' struzzjonijiet, it-Tribunal ikkonsidra li ma ingiebux provi. Dwar dan pero' t-Tribunal irrileva li matul is-seba' seduti kien hemm allużjoni kontinwa u persistenti għal inċident li ġara fil-lukanda l-Ħadd 2 ta' Jannar 2011. Dakinhar ir-Rikorrent kien xogħol fil-front desk tal-lukanda u wara nofsinhar żewġ ospiti tal-lukanda ta' nazzjonalita' libjana kellhom jitilqu pero' dawn it-tnejn talbu li jtawwlu l-booking tagħhom. Dan kien jirrikjedi li jkun hemm ħlas bil-quddiem jew garanzija ta' pagament mill-Ambaxxata Libjana biex l-imsemmija zewg ospiti jkunu jistgħu jibqgħu fil-lukanda. Ghalhekk l-appellat, wara li inutilment ipprova jaqbad ma' l-Ambaxxata Libjana bit-telefon, peress li kien il-Ħadd, informa lid-Duty Manager. Dana qallu biex jikkuntattja lill-General Manager bit-telefon. L-appellat hekk ghamel pero' l-imsemmi General Manager beda jgħajjat miegħu u sabbatlu it-telefon.

Iktar tard r-Rikorrent bagħat email lill-istess General Manager, pero' jidher li l-isforzi li għamel l-appellat biex isolvi l-problema mhux biss sfaw fix-xejn iżda wasslu ghal liċenzjament tiegħu għaliex minn dakinhar ma ħadimx iktar fil-lukanda. It-Tribunal kompla jikkonsidra li minn dak li sama', ma jirriżulta bl-ebda mod li dan l-inċident kien ifisser nuqqas ta' ubbidjenza minn naha tal-appellat, anzi juri li l-appellat flok li tafa' kollox f'ħoġor id-Duty Manager

uża l-isforzi kollha tiegħu biex jipprova jsolvi l-problema. Skond it-Tribunal ma ġiex pruvat li dan l-inċident kien il-kawża immedjata tal-liċenzjament tiegħu iżda ċ-ċirkostanzi u l-istess timing jindikaw li l-General Manager ħassu urtat sewwa li ġie kuntattjat mill-appellat. Il-komportament tal-appellat, skond it-Tribunal, f'dan l-inċident kien wieħed korrett u sgur li ma satax jiġi interpretat bħala nuqqas ta' ubbidjenza ta' l-ordnijiet tas-superjuri tiegħu.

It-Tribunal kompla jikkummenta li l-formula tat-tmiem ta' l-impieg ex admissis ma kienitx mimlija b'mod veritier, allegatament biex l-appellat ma jkunx jidher f'dawl ikraħ. It-Tribunal irrileva, hawn, li kemm il-darba, qal li formoli bħal dawn huma dokument importanti ta' entità pubblika u jridu jiġu mimlija b'mod korrett. Fin-nuqqas ta' dan jista jkun hemm konsegwenzi serji.

In vista ta' dak kollu li gie premess it-Tribunal Industrijali kkonkluda billi sab li l-appellat Olaf Woods ġie liċenzjat mis-Soejetà Intimata Vivaldi Hotels Operations Limited għal raġuni li la hija ġusta u lanqas suffiċjenti u konsegwntement bhala rimedju,wara li ra l-Artikolu 81 tal-Kap 452, ordna li l-appellat Olaf Woods għandu (1) mhux iktar tard mit-2 ta' April 2012 jingħata lura l-post ta' Night Auditor mas-Soċjetà Intimata Vivaldi Hotel Operations Limited bl-istess kundizzjonijiet li kellu qabel ma ġie liċenzjat, u (2) immedjatament jitħallas is-somma ta' €2500 (elfejn u hames mitt ewro) bħala kumpens. Sussegwentement, ai termini tal-Avviz Legali numru 48 tal-1986 it-Tribunal illikwida d-drittijiet pagabbli lil kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull waħda.

Is-socjeta' appellanti hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u minnha interponiet il-presenti appell. L-aggravju tas-socjeta' appellanti jirrigwarda l-fatt li t-Tribunal Industrijali ma applikax id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali Nru 427 tal-2002 fid-decizjoni tieghu u ghadda minflok sabiex jiddeciedi l-kaz ghab-bazi tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li kif stqarr l-istess Bord kien biss fit-trattazzjoni finali tal-kaz li s-socjeta appellanti ghamlet referenza ghall-Avviz Legali

Nru 427 tal-2002 mentri dejjem skond it-Tribunal tali sottomissjoni kellha tigi sollevata fil-bidu tas-smiegh u cioe' "in limine litis" u mhux fit-tmiem tas-smiegh.

Ma tirrizultax fattwalment korretta is-sottomissjoni tal-appellanti li t-Tribunal ma ddeciedix dwar jekk it-tkeccija in kwestjoni kienitx gusta jew le a bazi tar-regolamenti tal-Avviz Legali 427/2002 kif, skond l-appellanti, kellu jaghmel. L-appellanti jsostnu li t-Tribunal erronjament iddecieda l-imsemmija kwestjoni a bazi tal-Att tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Effettivament it-tribunal fl-ebda hin ma indika li kien qed japplika l-provedimenti tal-imsemmi Att a skapitu tal-imsemmi Avviz Legali biex iddecieda l-punt in kwestjoni. It-Tribunal semma li din is-sottomissjoni tal-appellanti, li giet sollevata fl-ahhar seduta li nzammet quddiem l-istess Tribunal kienet fis-sens li skond l-imsemmi Avviż Legali numru 427 tal-2002, l-impjegat ma kienx ottempera ruhu ma l-kundizzjonijiet stipulati fl-istess Avviz Legali sabiex ikun jista jippprocedi quddiem it-Tribunal. It-Tribunal ikkonsidra li din is-sottomissjoni kienet fin-natura taghha procedurali u ghalhekk, skond it-Tribunal kellha tiġi sollevata fil-bidu tas-smiegħ u mhux meta il-proceduri quddiem it-Tribunal kienu wasslu fil-fazi konklussiva taghhom. Għalhekk it-Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess sottomissjoni.

Is-socjeta' appellanti ma appellatx minn dak li gie deciz mit-Tribunal izda appellat fuq decizjoni li l-istess Tribunal qatt ma ha. Ghalhekk teknikament dan l-appell jista jinghad li hu fittizju fis-sens li qed tigi appellata decizjoni li qatt ma ttiehdet.

Is-socjeta' appellanti tissokta tissottometti li l-imsemmi Avviz Legali 427 tal-2002 jirregola specifikament l-impjegat fuq bazi part-time. L-artikolu 2 tal-imsemmi Avviz Legali jipprovdi li l-iskop ta' dawn ir-regolamenti, fost affarijiet ohra, hu li jnehhu diskriminazzjoni kontra l-haddiema "part-time" u biex itejbu l-kwalita' tax-xoghol "part-time." L-appellanti jirreferu ukoll ghall-artikolu 11 tal-istess Regolamenti u jissottomettu li dan artikolu jistabilixxi liema tkeccija ghandha titqies ingusta fil-kaz ta'

"part-timers." Dan l-artikolu in effett jipprovdi ghal certu tkeccijiet li ghandhom dejjem jitqiesu li huma ingusti. L-artikolu ma jipprovdix ghat-tkeccijiet kollha li ghandhom jigu konsidrati bhala ngiusti. Hu ovvju hawnhekk li dak li hemm provdut dwar tkeccijiet fl-imsemmi Att 452 joghod ukoll ghall-impjegi "part time." L-Att 452 ma jaghmel ebda distinzjoni bejn xoghol "part-time" u xoghol "full-time." Mhux ghal kollox korretta s-sottomissjoni tal-appellanti li l-imsemmi Avviz Legali jipprovdi ghall-impjegati fuq bazi "part-time" b'mod distint minn impjegati fuq bazi "full-time." Jigi ribadit li dak li hemm stiplulat fl-imsemmi Att 452 dwar tkeccijiet hu validu ukoll fir-rigward ta' impjegi "part-time." L-Avviz Legali tal-2002 jipprovdi li tkeccijiet ta' haddiem "part-time" ghandhom jigu kkonsidrati li huma ingusti meta l-part-timer, per ezempju jibda xi proceduri kontra min qed ihaddmu a bazi tal-provedimenti tal-istess Avviz Legali. Ghalhekk l-Avviz Legali mhux qed jipprovdi dwar tkeccijiet in generali izda qed jistipula li certi tkeccijiet, li jistghu jkunu konessi ma dak li jipprovdi l-istess Avviz Legali, ghandhom dejjem jigu konsidrati bhala ngusti.

Hawnhekk mhux kwestjoni li ligi specjali ghandha tigi applikata a skapitu ta' ligi generali. Hawnhekk il-ligi specjali qed tikkompleta l-ligi generali billi qed tipprovdi ghall-certi kazijiet ta' tkeccija li ghandhom jigu kkunsidrati bhala ngiusti.

In vista tal-premess l-appell tas-socjeta' appellanti jimmerita li jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjeta' appellanti u b'hekk tikkonferma "in toto" d-decizjoni moghtija fl-14 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet premessi mit-Tribunal Industrijali. Tiddeciedi li l-appellat għandu immedjatament jingħata lura l-post ta' Night Auditor mas-Soċjetà appellanti Vivaldi Hotel Operations Limited bl-istess kundizzjonijiet li kellu qabel ma ġie liċenzjat.

Spejjez ta' dan l-appell kontra s-socjeta' appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------